MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 982/1999/1

**Joseph Camilleri**

**Vs**

**Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel bhala prokuratur tas-socjeta' estera Gypsos Raddusa S.P.A.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi bejn il-kontendenti kien sar ftehim li bih l-attur kellu jbiegh merkanzija tas-socjeta' konvenuta gewwa Malta, ghal liema bejgh kellu jircievi *commission* ta' seba' (7) fil-mija fuq il-prezz;

Premess illi ghalkemm inbieghet merkanzija gewwa Malta tramite s-servizz li offra l-attur, huwa baqa’ ma rcieva ebda hlas ta’ *commission* kif pattwit bejn il-kontendenti;

Permess illi l-attur inkorra wkoll spejjez ta’ magazzinagg ghall-merkanzija tas-socjeta’ konvenuta matul perjodu ta’ erba’ (4) snin;

Premess illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-hlas ta’ l-ammonti dovuti lill-attur, baqghet ma hallsitx;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni kollha li huma mehtiega skond il-ligi:

1. Tillikwida jekk hemm bzonn bl-opera ta’ *periti nominandi*, dik is-somma li ghandha tigi mhallsa mis-socjeta’ konvenuta rapprezentanti:

a. Hlas ta’ *commission* bir-rata ta’ sebgha (7) fil-mija fuq merkanzija li giet impurtata f’Malta mis-socjeta’ konvenuta u li nbieghet tramite l-attur;

b. Spejjez ta’ magazinagg inkorsi mill-attur matul perjodu ta’ erba’ (4) snin rigward merkanzija mpurtata f’Malta mis-socjeta’ konvenuta.

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-eventwali hlas, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat i**n-nota ta’ l-eccezzjonijiet** tas-socjeta’ konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, in-nullita’ tac-citazzjoni peress li fiha vjolazzjoni cara u manifesta tal-forma mehtiega billi hi

totalment sprovvista minn kwalunkwe tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba kontra d-dispost ta' l-artikolu 156 subinciz (1) paragrafu (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi, inoltre, ic-citazzjoni m'hi akkumpanjata minn ebda dokumenti li b'xi mod jistghu jsahhu t-talbiet attrici u li jistghu jghinu lill-eccipjent biex jifhem ezattament il-bazi legali u fattwali tat-talbiet attrici kif invece jipprovdi l-artikolu 156 subinciz (1) paragrafu (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, m'hi dovuta ebda *commission* lill-attur stante illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma giet infurmata u qatt ma inghata dettalji dwar l-ebda bejgh ta' merkanzija taghha hawn Malta tramite l-attur.

4. Illi t-talba attrici ghal hlas ta' l-ispejjez ta' magazzinagg hi totalment infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija imsemmija mill-attur kienet inbieghet lilu mis-socjeta' eccipjenti kif jirrizulta mill-fatturi numri 47 tal-25 ta' Lulju, 1996, 160 tal-5 ta' Settembru,1996, 251 tal-21 ta' Ottubru, 1996, u 449 tas-17 ta' Dicembru, 1996, hawn annessi u mmarkati Dokumenti A, B, C u D. Kwindi, l-attur ma jistax jippretendi li l-istess socjeta' eccipjenti thallsu ghall-ispejjez ta' magazzinagg ta' merkanzija tieghu stess.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

## KONSIDERAZZJONIJET

### ***Commission*.**

L-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq zewg premessi:
(1) Li bejn il-kontendenti kien sar ftehim li bih l-attur kellu jbiegh merkanzija tas-socjeta' konvenuta gewwa Malta, ghal liema bejgh kellu jircievi *commission* ta' sebgha (7) fil-mija fuq il-prezz u ghalkemm inbieghet merkanzija

gewwa Malta tramite s-servizz li offra l-attur, huwa baqa' ma rcieva ebda hlas ta' *commission* kif pattwit;

(2) Li l-attur inkorra wkoll spejjez ta' magazzinagg ghall-merkanzija tas-socjeta' konvenuta matul perjodu ta' erba' (4) snin;

L-attur irrefera ghal ftehim a fol. 27 fejn il-konvenuti kkwotawlu prezzijiet u qalulu wkoll li "*resta inteso che, per le consegne che andremo ad effettuare direttamente Vi sara' riconosciuta una provvigione del 7%*".

Il-konvenuti xehdu li huma kienu jinnegozjaw ma nies ohra f'Malta qabel ma kienu jinnegozjaw ma Makaw Ltd u Joseph Camilleri. L-attur qatt ma hadem a bazi ta' l-ittra a fol. 27, kien ghamel ordni wahda biss, li huma baghtulu u li taghha ma hallashomx. Kienet saret kawza kontra l-attur u dana kien tilifha (ara dok a fol. 17). Wara dik l-ordni l-attur ma kienx ghamel ordnijiet ohra.

Il-konvenuti xehdu li fil-prezzijiet li huma kienu taw lill attur diga' kien fihom *discount* ta' aktar minn 7% kif jirrizulta mill-fatturi stess li huma pprezentaw. Il-prezzijiet li kienu jikkwotawlu kienu inqas milli kienu jikkowtaw lill ditti ohrajn u dana billi l-attur kien ippromettilhom li kien ser jixtri aktar prodotti minghandhom biex ibieghhom Malta (Dok CV3 fol 83; CV4 fol 87; CV 5 fol 88 u xhieda Dr. J. Zammit Maempel u Claudio Vitale).

L-attur qed jippretendi wkoll *commission* minghand il-konvenuti ghax introduca l-prodott tal-konvenuti fis-suq lokali, u semma xi ditti li allegatament il-konvenuti kienu bieghulhom il-prodott taghhom wara li hu kien introducihom maghhom.

L-attur ma gab l-ebda prova li hu kien introduca lill xi ditta mal-konvenuti jew li l-konvenuti bieghu merkanzija hawn Malta tramite s-servizzi tieghu.

Ta' Meli Bugeja xehdu li huma bdew in-negozju mal-konvenuti minn 1997 'l hawn meta l-attur ma baqax jimporta minghand il-konvenuti. Mill-prodotti elenkati a fol.

27 huma xehdu li  mportaw prodott wiehed biss. Kienu jixtru direttament minghand il-konvenuti u l-attur ma kellux x'jaqsam ma dawn l-ordnijiet.

Dwar id-ditta Vadala, jirrizulta mhux kontradett li dawn qatt ma impurtaw minghand il-konvenuti (ara xhieda Dr. J. Zammit Maempel).

Joseph Pace ghal KE CO Ltd xehed li huma mhux dejjem impurtaw mill-items a fol 27. Huma kienu jixtru direttament minghand il-konvenuti u lill attur ma jafuhx. L-attur ma gab ebda dettalji dwar dak li allegatament kienu jimpurtaw KE Co Ltd.

L-attur ghamel ukoll referenza ghall xi ditti ohrajn imma huwa ma semmiex min kienu dawn ditti, xi xtraw, kemm u meta.

Inoltre, kif gie eccepiet, l-attur ma pprezenta ebda dokument biex jissustanza l-allegazzjonijiet tieghu dwar dawn id-ditti li semma.

**Magazzinagg**

Kwantu ghat talba ghal spejjez ta' magazzinagg jirrizulta li l-konvenuti kienu bieghu l-merkanzija lill-attur. Dan bieghha Malta izda ma hallasx lill konvenuti taghha. Ma dina l-merkanzija kien hemm *sample* ta' kamra tal-banju li Claudio Vitale xehed li  kienet intbaghtet lill attur fuq talba tieghu bhala *sample* meta kien qed jinbena l-isptar San Raffaele billi ried jaghmel xi offerta' (Dok CV6 fol 90.) u ghalhekk huma ma humiex responsabbili ghall ebda magazzinagg ta' l-istess. Dan is-*sample* lanqas kien prodott taghhom.

L-attur xehed li hu talab diversi drabi lis-socjeta' konvenuta biex tiehu l-oggetti lura, izda l-attur ma pprezenta ebda prova (ez ittri) fis-sens li hu ghamel dawn it-talbiet jew ipprezenta r-ritratti li semma fix-xhieda tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet ta’ l-attur,
bl-ispejjez kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------